

Brussell, 13 ta' Lulju 2017  
(OR. en)

11272/17

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0158 (COD)**

---

---

UD 183  
ENFOCUSTOM 175  
EF 167  
ECOFIN 649  
JAI 694  
COSI 166  
COTER 74  
RELEX 658  
DROIPEN 104  
COPEN 239  
CODEC 1251

## **PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 375 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2017) 375 final.

---

Mehmuż: COM(2017) 375 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 13.7.2017  
COM(2017) 375 final

2017/0158 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali**

{SWD(2017) 262 final}

{SWD(2017) 263 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Fil-qafas tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tal-2015<sup>1</sup> u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu<sup>2</sup>, il-Kummissjoni ħabbret li se tipprepara proposta leġiżlattiva kontra l-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għall-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà<sup>3</sup> u l-Pjan ta' Azzjoni, u talbu intensifikazzjoni ulterjuri tax-xogħol<sup>4</sup>. Fil-15 ta' Marzu 2017, ġiet adottata d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar is-sanzjonijiet kriminali għal persuni jew entitajiet li joffru appoġġ materjali lit-terroriżmu<sup>5</sup>.

L-intenzjoni li tiġi ppreparata proposta leġiżlattiva kienet ukoll imħabbra fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali"<sup>6</sup>.

Fil-livell globali, jenħtieġ li din il-proposta titqies fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 tat-8 ta' Lulju 2017<sup>7</sup>, fejn ikkonfermaw l-impenn tagħhom li jitrattaw is-sorsi alternattivi tal-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż is-sakkeġġ u l-kuntrabandu tal-oġġetti antikwi.

Ir-Regolament u l-azzjonijiet deskritti hawn taħt iwiegħbu wkoll lir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' April 2015 dwar il-qerda tas-siti kulturali mwettqa mill-ISIS/Da'esch li *inter alia* se jhu għal azzjonijiet b'saħħithom biex ifixklu l-kummerċ illegali tal-beni kulturali u l-iżvilupp ta' programmi ta' taħriġ Ewropej għall-ġurati, il-pulizija u l-uffiċjali doganali, l-amministrazzjonijiet tal-gvern u l-atturi tas-suq b'mod ġenerali, kif ukoll għall-kampanji ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni sabiex jiskoraġġixxu l-bejgħ u x-xiri ta' beni kulturali ġejjin mill-kummerċ illeċitu.

Fil-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Frar 2016, il-Kunsill fakkar fl-importanza li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali tissaħħaħ b'mod urġenti, u stieden lill-Kummissjoni biex tippoponi miżuri leġiżlattivi dwar din il-kwistjoni mill-iktar fis possibbli.

Fil-24 ta' Marzu 2017, permezz tar-Riżoluzzjoni 2347 (2017)<sup>8</sup>, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti talab lill-Istati Membri biex jieħdu passi kontra l-kummerċ illeċitu u t-traffikar ta' beni kulturali, b'mod partikolari meta joriġinaw minn kunterest ta' kunflitt armat u

<sup>1</sup> COM (2015) 185 final, it-28 ta' April 2015

<sup>2</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu [COM(2016) 50 final], it-2 ta' Frar 2016

<sup>3</sup> Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà (2015/2697(RSP))

<sup>4</sup> Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2015

<sup>5</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI; ĠU L 88, 31.3.2017, p.6-21.

<sup>6</sup> JOIN(2016) 29 final

<sup>7</sup> <https://www.g20.org/gipfeldokumente/G20-leaders-declaration.pdf>

<sup>8</sup> <http://unscr.com/en/resolutions/doc/2347>

mmexxi minn gruppi terroristiċi. F'Marzu 2017 ukoll, il-ministri għall-Kultura tal-grupp G7 stiednu lill-Istati kollha biex jipprojbixxu l-kummerċ ta' beni kulturali sakkeġgati u traffikati minn naħa għal oħra tal-fruntieri, filwaqt li enfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni iktar mill-qrib fost l-awtoritajiet ġudizzjarji u dawk tal-infurzar tal-liġi internazzjonali<sup>9</sup>.

Fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017, il-Mexxejja tas-27 Stat Membru u tal-istituzzjonijiet tal-UE kkonfermaw ukoll l-impenn tagħhom għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali u d-diversità kulturali. Il-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali se tkun azzjoni ewlenija Ewropea matul is-Sena Ewropea għall-patrimonju kulturali fl-2018

L-għan tal-inizjattiva hu li jiġu evitati l-importazzjoni u l-ħżin fl-UE tal-beni kulturali esportati illeċitament minn pajjiż terz, u b'dan jitnaqqas it-traffikar tal-beni kulturali, jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroriżmu u jiġi protett il-patrimonju kulturali, speċjalment l-oġġetti arkeoloġiċi f'pajjiżi ta' oriġini affetwati minn kunflitt armat. Għal dan l-għan, qed jiġi propost li: tiġi stabbilita definizzjoni komuni tal-beni kulturali għall-importazzjoni; jiġi żgurat li l-importaturi juru diliġenza meta jixtru l-beni kulturali minn pajjiżi terzi; tiġi determinata informazzjoni standardizzata biex jiġi ċċertifikat li l-beni huma legali; jiġu previsti deterrenti effettivi kontra t-traffikar; u jiġi promoss l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati għall-protezzjoni tal-patrimonju kulturali.

Il-proposta mhijiex marbuta mar-REFIT.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti ta' politika fil-qasam ta' politika**

Bħalissa ma hemm l-ebda regola komuni fir-rigward tal-importazzjoni tal-beni kulturali minn pajjiżi terzi, ħlief ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2013<sup>10</sup> tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq, u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012<sup>11</sup> dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, li jipprevedu l-projbizzjoni tal-kummerċ ta' beni kulturali ma' dawn il-pajjiżi. L-għan tal-inizjattiva hu li tikkumplimenta lil dawk iż-żewġ miżuri, kif ukoll lil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (Ir-Regolament (KE) Nru 116/2009<sup>12</sup>).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-Regolament propost jikkompleta l-qafas legali tal-UE dwar il-kummerċ tal-beni kulturali, li sa issa kien jinkludi biss leġiżlazzjoni dwar l-esportazzjoni tal-beni kulturali<sup>13</sup>, u r-ritorn ta' beni kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru<sup>14</sup>. Fir-rigward tal-importazzjoni, din kienet limitata għal miżuri restrittivi dwar il-kummerċ tal-beni kulturali mill-Iraq u s-Sirja.

L-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament se tkun akkumpanjata minn serje ta' azzjonijiet mill-UE – għaddejjin jew se jiġu introdotti dalwaqt – li jindirizzaw il-fatturi li

<sup>9</sup> [http://www.beniculturali.it/mibac/multimedia/MiBAC/documents/1490881204940\\_DECLARATION-Dichiarazione.pdf](http://www.beniculturali.it/mibac/multimedia/MiBAC/documents/1490881204940_DECLARATION-Dichiarazione.pdf)

<sup>10</sup> ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

<sup>11</sup> ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali; ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1.

<sup>13</sup> ĠU L 324, 22.11.2012, p. 1.

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (Riformulazzjoni); ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1–10.

twassal għall-forniment u d-domanda ta' beni kulturali kkummerċjalizzati illeċitemant, bħall-livell mhux ekwu ta' tħejjija u l-applikazzjoni tal-istandards ta' diliġenza dovuta fl-Istati Membri, u l-kapaċità dgħajfa f'ċerti pajjiżi fl-orijini tat-traffiku, b'mod partikolari f'kundestji fraġli.

Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-beni kulturali hija parti mill-ġlieda tal-UE kontra l-kriminalità organizzata. Wara d-deċizzjoni tal-Kunsill tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni tat-18 ta' Mejju 2017<sup>15</sup>, il-kooperazzjoni operattiva msaħħa bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi se titkompla taħt iċ-**Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità organizzata u serja** bejn l-2018 u l-2021.

Permezz tal-Proġett Pilota fl-2017 u l-2018, l-UE se tissieħeb mal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) biex jiġu mfasla **moduli ta' taħriġ dwar it-traffikar tal-beni kulturali għall-gruppi professjonali rilevanti, inklużi l-uffiċjali tal-pulizija**. L-istess proġett Pilota se jiffinanzja wkoll **studju komprensiv dwar id-dimensjonijiet tal-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali** li se jiffoka fuq ir-rotot, il-volumi u l-modi operattivi tat-traffikar, kif ukoll l-użu ta' teknoloġiji ġodda biex dan jiġi miġġieled.

Il-bini tal-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi se jiġi wkoll previst permezz tal-**Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX)** tal-UE. F'dawn l-aħħar snin ġew organizzati ħafna workshops dwar il-ġlieda tal-kummerċ illeċitu tal-beni kulturali: pereżempju fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fit-Turkija, fil-Kosovo, fil-Bożnija-Ħerzegovina, u fis-Serbja. Għad li fil-passat kienet disponibbli biss fil-pajjiżi li huma parti mill-Viċinat, l-għajnuna tat-TAIEX issa tista' tiġi introdotta madwar id-dinja.

L-esperti fil-patrimonju kulturali qegħdin dejjem aktar jieħdu sehem f'missjonijiet komuni tal-UE, in-NU u l-Bank Dinji dwar **il-Valutazzjonijiet tal-Ħtiġijiet ta' Wara d-Diżastri u l-Valutazzjonijiet tal-Irkupru u l-Bini tal-Paċi** biex jgħinu fil-valutazzjoni tal-ħsarat u r-riskji lill-patrimonju kulturali, inkluż it-traffikar.

Din il-lista ta' inizjattivi mhijiex eżawrjenti. Fil-futur qarib se jidħlu fis-seħħ miżuri ulterjuri bl-għan li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-regolament propost u li jappoġġaw lill-għanijiet tiegħu.

Il-proposta tikkonforma wkoll ma' politiki oħrajn tal-Unjoni u żżid magħhom, b'mod speċjali:

- *l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà*<sup>16</sup> li tenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;
- *il-Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu*, li jelenka għadd ta' inizjattivi ta' politika u legali (fosthom din il-proposta) li għandhom jingħarfu bħala parti minn approċċ komprensiv f'dan il-qasam; kif ukoll
- Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u s-sostituzzjoni tad-Deċizzjoni Kwadru 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu, li tinkludi d-dispożizzjonijiet dwar sanzjonijiet kriminali għal persuni jew entitajiet li joffru appoġġ materjali lit-terroriżmu.

<sup>15</sup> <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-8654-2017-INIT/mt/pdf>

<sup>16</sup> COM (2015) 185 final

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

L-UE għandha kompetenza esklussiva għall-politika kummerċjali u għal-leġiżlazzjoni doganali, bħal miżuri għall-kontroll tad-dwana fl-importazzjoni, skont l-Artikoli 3 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE (TFUE).

L-Artikolu 207 tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolament skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, biex jadottaw il-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni. Eżempju minnhom huwa r-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 207 tat-TFUE.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Mhux applikabbli

- **Proporzjonalità**

L-għażla ta' politika ppreferuta tikkombina l-għażliet ta' politika regolatorja u mhux regolatorja. Permezz ta' limitu ta' żmien minimu ta' 250 sena għal dawn il-beni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura regolatorja proposta tkopri tipoloġija wiesgħa ta' beni kulturali mingħajr ma jiġi mfixkel il-kummerċ leġittimu. Dan il-limitu ta' żmien jirrappreżenta approċċ bilanċjat f'konformità mar-regoli fis-seħħ f'xi ġurisdizzjonijiet oħra, u se jgħin biex jiġi żgurat approċċ koerenti fil-livell internazzjonali. Barra minn hekk, il-livell ta' skrutinju qabel id-dħul fit-territorju doganali tal-Unjoni huwa differenzjat, abbażi tar-riskju ta' sakkeġġ perċepit għal ċerti kategoriji ta' beni kulturali, bħal sejbiet kulturali jew partijiet minn monumenti.

Irreferi għall-kunsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità fir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt, b'mod partikolari s-sezzjonijiet 7.3.5 u 7.4.4 tiegħu.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa l-istrument xieraq f'dan il-każ, skont l-Artikolu 207 tat-TFUE, li huwa l-bażi legali tal-proposta.

## 3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Bħalissa ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE li tkopri l-importazzjoni tal-beni kulturali, għaldaqstant il-proposta attwali ma għandhiex x'taqsam mal-valutazzjonijiet ex post jew mal-kontrolli tal-idoneità.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni organizzat il-konsultazzjonijiet li ġejjin mal-partijiet ikkonċernati:

1. Konsultazzjoni Miftuħa għall-Pubbliku<sup>17</sup> fuq is-server Europa, li mit-23 ta' Ottubru 2016 sat-23 ta' Jannar 2017 kienet miftuħa għal kontribuzzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati kollha. L-istħarriġ ġie mfassal biex jiġbor l-ideat u l-opinjoni tal-kategoriji tal-partijiet ikkonċernati li ġejjin: ċittadini, intrapriżi, assoċjazzjonijiet professjonali u rappreżentati ta' gruppi ta' interess, NGOs u soċjetà ċivili, awtoritajiet pubbliċi. Il-mira tiegħu kienet il-kwistjoni tat-traffikar illeċitu tal-beni kulturali; l-azzjonijiet li jridu jittieħdu fir-rigward tal-importazzjoni tal-beni kulturali sabiex jiġi miġġieled il-kummerċ illeċitu u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-impatt u l-parametri ta' miżuri leġiżlattivi possibbli. B'kollox il-Kummissjoni rċeviet 305 kontribuzzjoni.

Filwaqt li hemm appoġġ qawwi lill-Unjoni biex tadotta regoli doganali waqt l-importazzjoni, l-opinjoni kienet maqsuma fir-rigward jekk tali miżuri jikkontribwixxux kontra l-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu; bil-biċċa l-kbira tal-intrapriżi iqisu li ma humiex ta' kontribut. Id-diffikultà li tiġi determinata l-provenjenza illeċita hija meqjusa bħala nuqqas fis-sistema attwali. Ir-rarità, il-valur storiku/edukattiv, iż-żmien u jekk il-beni kulturali joriġinawx minn żona ta' kunflitt, huma meqjusa bħala l-kriterji ewlenin biex jiġu definiti l-beni li jenħtieġ li jkunu soġġetti għal miżura. Jidher li l-intrapriżi huma favur li tittieħed azzjoni primarjament mill-pajjiżi esportaturi, bl-għajjnuna mill-UE, sabiex jiġi protett il-patrimonju tagħhom. Filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili jiffavorixxu bi sħiħ li ssir leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tagħti s-setgħa lid-dwana biex tevita d-dħul ta' beni kulturali illeċiti fl-UE.

Fir-rigward tar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni li jipprovaw il-provenjenza leċita, jidher li l-biċċa l-kbira tal-intrapriżi jippreferu tip ta' awtoċertifikazzjoni (affidavit), filwaqt li l-awtoritajiet pubbliċi jippreferu ċertifikati ta' esportazzjoni (fil-fatt, mis-sottomissjonijiet bil-miktub, jidher li jippreferu li joħorġu liċenzji tal-importazzjoni abbażi ta' ċertifikati tal-esportazzjoni).

2. Il-Kummissjoni organizzata ukoll tliet laqgħat mal-Grupp ta' Esperti dwar kwistjonijiet doganali b'rabta mal-beni kulturali (rappreżentati mill-awtoritajiet doganali u kulturali tal-Istati Membri), fejn ġiet ippreżentata l-inizjattiva, segwita minn skambju fil-fond ta' opinjonijiet u diskussjoni dwar l-isfidi u l-oġġettivi varji. Id-delegati tal-Istati Membri ġew ukoll mistiedna jippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' pożizzjoni bil-miktub dwar l-għażliet diversi u ħafna minnhom għamlu dan. Filwaqt li l-Istati Membri kollha qablu dwar il-ħtieġa li tittieħed azzjoni waqt l-importazzjoni, kien hemm qasma fir-rigward tal-appoġġ għall-għażla speċifika tal-miżuri. Grupp kbir ta' Stati Membri qalu li huma favur tal-liċenzji tal-importazzjoni għal numru limitat ta' kategoriji ta' beni kulturali, prinċipalment dawk li huma l-iktar fir-riskju fil-kuntest ġeopolitiku attwali.

3. L-awtoritajiet doganali u kulturali tal-Istati Membri kienu wkoll mistħarrġa fir-rigward tal-impatt potenzjali jew mistenni tad-diversi għażliet regolatorji fuq l-amministrazzjonijiet (spejjeż jew piż ieħor).

12 mis-16-il tweġiba li waslu taw informazzjoni parzjali dwar kemm kien hemm bżonn żmien biex jitwettqu l-formalitajiet relatati mal-għażliet ta' politika regolatorja. Ħafna mill-Istati Membri ma kienu kapaċi jagħtu l-ebda stima, billi sostnew li l-istruttura tas-sistema u l-proċeduri attwali tagħhom ma tippermettix dan. Fil-biċċa l-kbira, ir-riżultati (it-tweġibiet ġew

<sup>17</sup> Għar-rapport fil-qosor tal-konsultazzjoni, ara: [https://ec.europa.eu/info/consultations\\_mt](https://ec.europa.eu/info/consultations_mt)

estrapolati permezz tal-Mudell tal-Kost Standard) kienu inkonklussivi minħabba li l-istimi li ngħataw kienu jkopru biss xi għażliet ta' politika u mhux oħrajn.

4. Għe mwettaq ukoll stħarriġ minn kuntrattur estern fil-qafas tal-istudju bit-titlu “*Fighting illicit trafficking in cultural goods: analysis of customs issues in the EU*”<sup>18</sup> (Il-ġlieda tat-traffikar illeċitu tal-beni kulturali: analiżi tal-kwistjonijiet doganali fl-UE). Għe indirizzat stħarriġ dettaljat lil negozji, assoċjazzjonijiet, awtoritajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-istħarriġ, kif inklużi fl-istudju, b'mod partikolari dawk relatati mal-esperjenza tal-implimentazzjoni tar-regolament tal-UE dwar l-esportazzjoni tal-beni kulturali u ż-żewġ Regolamenti ta' sanzjoni dwar l-Iraq u s-Sirja, intużaw fir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

#### • **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt<sup>19</sup> u għall-ewwel il-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju esprima opinjoni negattiva<sup>20</sup>, imma ta opinjoni pożittiva<sup>21</sup> wara li din tressqet mill-ġdid, b'reviżjoni tad-definizzjoni tal-problema u l-objettivi identifikati, u wara li ngħataw preżentazzjoni u kontenut iktar ċari u strutturati tal-għażliet ta' politika meqjusa.

L-għażliet li ġew magħżula biex jindirizzaw il-problemi identifikati huma kompatibbli u jevitaw l-importazzjoni u l-ħżin fl-UE ta' beni kulturali esportati illeċitament minn pajjiż terz; għalhekk jitnaqqas it-traffikar ta' beni kulturali, jiġi miġġieled il-finanzjament tat-terroriżmu u jiġi protett il-patrimonju kulturali, b'mod partikolari fil-pajjiżi ta' oriġini affetwati minn kunflitt armat. Dan l-objettiv ewlieni huwa mistenni li jinkiseb mingħajr ma jinħoloq piż amministrattiv bla bżonn. B'mod partikolari dan se jsir billi:

1. Tinħoloq sensibilizzazzjoni fost ix-xerrejja potenzjali, b'mod partikolari t-turisti u l-vjaġġaturi, u fost l-awtoritajiet doganali u oħrajn tal-infurzar tal-liġi.

2. Isir Regolament li jipprevedi miżuri ta' kontrolli doganali li japplikaw għall-beni kulturali ddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew it-tqegħid skont proċeduri doganali speċjali oħra (bħal tqegħid f'żona ħielsa) bl-eċċezzjoni ta' merkanzija fi tranżitu. Il-kontrolli jikkonċernaw il-beni kulturali, bħal dawk iddefiniti fil-Konvenzjoni tal-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT) tal-1995 dwar il-Beni Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment, li jkollhom mill-inqas 250 sena. Il-persuna li titlob li dawn il-beni kulturali jiddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, jeħtieġ tipprovdi d-dokumenti li ġejjin sabiex tipprova l-provenjenza leċita, jiġifieri l-esportazzjoni legali mill-pajjiż ta' oriġini:

– fil-każ ta' beni arkeoloġiċi, partijiet minn monumenti li tħattew, u fil-każ ta' manuskritti rari u inkunabula, il-persuna jeħtieġ tapplika għal liċenzja tal-importazzjoni mal-awtorità kompetenti maħtura għal dan l-għan, billi tipprovdi prova tal-esportazzjoni leċita tal-beni mill-pajjiż ta' oriġini;

– għall-beni kulturali kollha l-oħra, il-persuna għandha tippreżenta dikjarazzjoni ffirmata (affidavit) lid-dwana, li tiċċertifika li l-beni ġew esportati legalment mill-pajjiż ta' oriġini,

<sup>18</sup> Għadhom ma ġewx ippubblikati.

<sup>19</sup> Ara: <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt>

<sup>20</sup> Ara: <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt>

<sup>21</sup> Ara: <http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia&language=mt>

flimkien ma' dokument ta' identifikazzjoni standard tal-beni, li jiddeskrivi l-beni fid-dettall. Id-dwana tirreġistra u żżomm kopja ta' dawn id-dokumenti.

L-għażliet ta' politika magħżula huma mistennija li jiksbu l-objettiv ewlieni msemmi hawn fuq, kif ukoll għadd ta' objettivi speċifiċi, kif ġej:

L-għażla tistabbilixxi definizzjoni komuni ta' beni kulturali fil-kuntest tal-importazzjoni li hija proporzjonali mal-protezzjoni meħtieġa (tipoloġija wiesgħa ta' beni) mingħajr ma tfixkel il-kummerċ leġittimu, billi tagħżel id-definizzjoni għal beni kulturali tal-UNIDROIT tal-1995, flimkien mal-kriterju taż-żmien minimu ta' 250 sena. Ir-rekwiżit li tingħata informazzjoni dwar il-beni kulturali u l-provenjenza tagħhom, kemm bl-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, kif ukoll billi timtela formola standard ta' identifikazzjoni tal-beni, jiżgura li x-xerrejja u l-importaturi tal-UE juru diliġenza fir-rigward tal-legalità tal-beni kulturali mdaħħla fl-UE. Fl-istess ħin, ir-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni standardizzata waqt l-importazzjoni fir-rigward tal-beni kulturali mdaħħla fl-UE, jiffaċilitaw ħafna l-kontrolli doganali. L-għoti ta' penali għal ksur (mogħtija mill-Istati Membri) jipprevedi deterrenti iktar effettivi kontra t-traffikar tal-beni kulturali.

L-għażla ta' din il-politika hija koerenti bis-sħiħ mal-bżonn identifikat għal rispons b'saħħtu fir-rigward tar-riskju akbar għal ċerti kategoriji ta' beni kulturali li minħabba n-natura tagħhom huma direttament esposti għat-telf jew għejbien, b'mod partikolari l-patrimonju arkeoloġiku. Fil-fatt, dawn huma wkoll il-beni kulturali li huma fil-mira tat-terroristi u fazzjonijiet rivali oħra bl-għan li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom. Fir-rigward tal-ispejjeż ta' konformità, jista' jkun hemm xi spejjeż involuti fil-preparazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni ta' dawn il-beni, iżda dawn jirrappreżentaw frazzjoni żgħira ħafna biss<sup>22</sup> tal-importazzjonijiet ta' beni kulturali.

Din l-għażla tkun proporzjonali mal-objettivi stabbiliti minħabba li torganizza r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni tal-importazzjoni f'konformità mar-riskji relattivi u hija faċilment adattabbli maċ-ċirkostanzi li jinbidlu u mal-profili tat-traffikar.

Fl-aħħar nett, l-organizzazzjoni ta' kampanji għal ħolqien ta' sensibilizzazzjoni għax-xerrejja potenzjali u għad-dwana u oħrajn li jinfurzaw il-liġi, se tippromwovi l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati biex jitnaqqas it-traffikar.

#### • **Drittijiet fundamentali**

Il-miżuri previsti x'aktarx li jolqtu d-drittijiet li ġejjin li huma minquxa fl-Artikoli li ġejjin tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ("CFREU")

- il-libertà ta' intrapriża (l-Artikolu 16 tas-CFREU); kif ukoll
- id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tas-CFREU).

---

<sup>22</sup> Id-dejta statistika, u għalhekk kwantitattiva, disponibbli hija limitata u tonqos milli toffri l-preċiżjoni mixtieqa, minħabba n-nuqqas ta' subintestaturi dettaljati fin-nomenklatura doganali għall-beni kulturali. Il-Kapitolu 97 tas-Sistema Armonizzata li jkopri "xogħlijiet tal-arti, biċċiet tal-kollezzjoni u antikitajiet" ma fihx biżżejjed sottodivizjonijiet li jippermetti l-ġbir tad-dejta kummerċjali għall-kategoriji speċifiċi tal-beni kulturali. Minħabba f'hekk, il-valutazzjoni mwettqa hija fil-biċċa l-kbira kwalitattiva.

F'każijiet ta' dikjarazzjonijiet suspettati foloz fir-rigward tal-beni kulturali, l-awtoritajiet jistgħu jiddeċiedu li jżommu l-beni b'mod temporanju, u b'hekk jolqtu d-dritt għall-proprjetà u l-libertà tal-intrapriża.

L-Artikolu 52 tas-CFREU jispeċifika li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti għandha tkun prevista mil-liġi, għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, tilħaq l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni u tkun proporzjonata.

Il-miżuri jiksbu bilanċ tajjeb bejn id-drittijiet rilevanti u l-interessi leġittimi tas-soċjetà billi jadottaw approċċ li huwa effiċjenti (jilħaq l-oġettiv) iżda jolqot id-drittijiet bl-inqas mod possibbli.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

#### **5. ELEMENTI OĦRAJN**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tipprevedi l-formoli speċifiċi għall-użu (eż. formoli għal-liċenzji, formoli ta' applikazzjoni, testi għall-affidavit, eċċ.) u d-dettalji proċedurali rilevanti.

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-istrument legali u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu. Il-monitoraġġ kontinwu u b'mod sistematiku jippermetti l-identifikazzjoni dwar jekk il-politika proposta hijiex applikata kif mistenni u jindirizza l-problemi tal-implimentazzjoni f'waqtu.

Il-ġbir ta' dejta fattwali mill-Istati Membri se jipprovdi l-bażi għall-valutazzjoni futura tar-Regolament u se jkun iggwidat mill-indikaturi ta' monitoraġġ li ġejjin:

- l-informazzjoni statistika lill-Kummissjoni dwar id-dikjarazzjonijiet tal-importatur reġistrati;
- il-kontrolli mwettqa fil-każijiet fejn id-dikjarazzjoni tal-importatur tkun saret u hemm dubji dwar il-preċiżjoni tagħha;
- in-numru tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni ppreżentati u n-numru ta' dawk li ġew irrifjutati;
- l-informazzjoni statistika rilevanti dwar il-flussi kummerċjali tal-beni kulturali (eż. il-pajjiżi minn fejn ħafna drabi jintbagħtu l-beni kulturali lill-UE);
- in-numru ta' każijiet meta l-beni kulturali inżammu għal kontrolli ulterjuri, inkluż l-għarfien espert; kif ukoll
- il-penali stabbiliti u imposti mill-Istati Membri.

L-iżviluppi futuri<sup>23</sup> tas-sottodivizionijiet xierqa fin-nomenklatura doganali se jippermettu l-monitoraġġ iktar preċiż tal-flussi kummerċjali u l-ġbir ta' dejta statistika iktar speċifika dwar l-ġhadd u t-tip ta' beni kulturali li qed jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Rapport ta' evalwazzjoni jkun imħejji mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri u jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni tar-Regolament, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem. L-evalwazzjoni tar-Regolament jenħtieġ li tivvaluta sa fejn inkisbu l-oġġettivi. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni jistgħu jiġu kkomunikati lill-Istituzzjonijiet Ewropej l-oħrajn permezz ta' rapport.

L-effettività tal-inizjattivi mhux leġislattivi li jakkumpanjawh, se jiġu vvalutati permezz ta' evalwazzjoni *ex post* dwar il-kampanji ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni u t-taħriġ.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 ifisser is-suġġett tar-Regolament u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

L-Artikolu 2 jipprevedi serje ta' definizzjonijiet tat-termini użati għall-għanijiet tar-Regolament.

L-Artikolu 3 jfisser il-prinċipju li skontu d-dħul tal-beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni huwa permess biss meta tinkiseb liċenzja tal-importazzjoni għalihom jew meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni tal-importatur. Il-beni kulturali xorta jistgħu jidħlu b'mod temporanju għall-eżebizzjonijiet jew għar-riċerka akkademika u xjentifika, jew fil-każi meta jkunu jeħtieġu rifuġju temporanju mill-qerda u t-telf minħabba li l-pajjiż ta' oriġini jkun milqut minn kunflitt armat jew ikun għaddej minn diżastru naturali.

L-Artikolu 4 jipprevedi l-każijiet meta hija meħtieġa liċenzja tal-importazzjoni, meta l-persuna trid tapplika għaliha, il-kundizzjonijiet u l-modalitajiet, u minn liema awtorità tal-Istat Membru tista' tinkiseb. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkonvenzjoni, meta pajjiż esportatur mhuwiex fejn instab jew inħoloq l-oġġett ("pajjiż ta' oriġini"), issir differenza skont jekk il-pajjiż esportatur huwiex Stat firmatarju tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970. Meta jkun firmatarju, u għalhekk ikun pajjiż impenjat fil-ġlieda kontra t-traffikat illeċitu tal-beni kulturali, l-applikant irid juri li saret esportazzjoni skont il-liġi minn dak il-pajjiż; jekk le, l-applikant irid juri li saret esportazzjoni skont il-liġi mill-pajjiż ta' oriġini.

L-Artikolu 5 jipprevedi l-każijiet meta jkunu meħtieġa d-dikjarazzjoni tal-importatur u d-dokument standardizzat li jiddeskrivi l-beni. Id-dokument standardizzat se jkun dokument ta' identifikazzjoni tal-Beni, li huwa standard internazzjonali biex jiġu deskritti l-beni kulturali. Qiegħed jiġi promoss mill-aġenziji ewlenin tal-infurzar, il-mużewijiet, l-organizzazzjonijiet għall-patrimonju kulturali, l-organizzazzjonijiet għall-kummerċ u l-evalwazzjoni tal-arti, u l-kumpanji tal-assigurazzjoni. Qiegħed jiġi approvat ukoll mill-UNESCO bħala standard internazzjonali għar-reġistrazzjoni tad-dejta minima dwar il-proprjetà kulturali mobbli. Id-dokument ta' identifikazzjoni tal-Beni huwa magħruf u użat minn bosta Stati Membri għall-katalogar tal-beni fil-bażi tad-dejta diġitali mill-unitajiet tal-pulizija speċjalizzati tagħhom,

---

<sup>23</sup> L-ewwel fil-livell tan-nomenklatura tariffarja tal-UE billi jinħolqu sottodivizionijiet tat-TARIC (Tariffa Integrata tal-Komunità Ewropea) xierqa għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-miżuri doganali tal-UE, u aktar tard, fil-livell internazzjonali permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali li sostniet b'mod ċar l-intenzjoni tagħha li temenda l-Kapitolu 97 tas-Sistema Armonizzata u tohloqu iktar sottodivizionijiet.

bħala mezz rapidu biex tiġi kkomunikata l-informazzjoni, kif ukoll għall-iffisar tar-rekwiżiti tal-informazzjoni minimi għall-mużewijiet. Bħalma jiġri fl-Artikolu 4, issir distinzjoni simili bejn il-pajjiżi esportaturi li huma Stati firmatarji tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u dawk li mhumiex.

L-Artikolu 6 jirreferi għall-azzjonijiet ta' kontroll u verifika mid-dwana.

L-Artikolu 7 jipprevedi l-pubblikazzjoni perjodika mill-Kummissjoni tal-listi tal-uffiċċji doganali kompetenti maħtura mill-Istati Membri għall-finijiet tar-Regolament. Din il-pubblikazzjoni hija meqjusa neċessarja biex tgħarraf lill-operaturi ekonomiċi.

L-Artikolu 8 jipprevedi l-każ meta l-beni kulturali jistgħu jinżammu minħabba li ma jkunx jista' jintwera li l-beni kulturali inkwistjoni ġew esportati legalment mill-pajjiż ta' oriġini.

L-Artikolu 9 jistieden lill-Istati Membri biex jorganizzaw kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u jipprevedi l-iżvilupp futur ta' bażi tad-dejta diġitali sabiex jiġi faċilitat il-ħżin u l-iskambju tal-informazzjoni, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet tal-importatur u l-linċenzji tal-importatur maħruġa.

L-Artikolu 10 jirrikjedi li l-Istati Membri jipprevedu l-penali għall-ksur ta' dan ir-Regolament skont is-sistemi legali interni tagħhom.

L-Artikolu 11 jistieden lill-Istati Membri biex jorganizzaw sessjonijiet xierqa ta' taħriġ għall-awtoritajiet li ħatru għall-implimentazzjoni tar-Regolament, kif ukoll kampanji ta' ħolqien tas-sensibilizzazzjoni sabiex jinfurmaw lix-xerrejja potenzjali dwar il-qafas legali u jikkonvinċuwhom biex ma jixtrux beni kulturali mingħajr provenjenza minn pajjiżi terzi.

L-Artikolu 12 jipprevedi s-setgħa tal-Kummissjoni biex tadotta atti delegati. Din is-setgħa se tippermetti lill-Kummissjoni biex jekk ikun meħtieġ, taddatta l-limitu ta' żmien minimu jew il-kategoriji tal-beni kulturali soġġetti għal liċenzja tal-importazzjoni (għal raġunijiet ta' ċirkostanzi li jinbidlu u bbażati fuq l-esperjenza miksuba). Peress li l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali ddikjarat l-intenzjoni ċara li fil-futur se żżid iktar sottodivizionijiet fil-Kapitolu 97 tas-Sistema Armonizzata (SA) (fejn il-maġġoranza tal-beni kulturali huma klassifikati għal finijiet tariffarji u statistiċi), il-Kummissjoni trid tkun tista' taġġorna l-kodiċi tariffarji rilevanti fl-Anness tar-Regolament skont dan.

L-Artikolu 13 jipprevedi l-ħatra ta' kumitat li se jassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tar-Regolament. Għal raġunijiet ta' koerenza u effiċjenza, huwa xieraq li għal dan l-għan jiġi maħtur il-kumitat li diġà qiegħed jassisti lill-Kummissjoni fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 116/2009 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali.

L-Artikolu 14 jkopri r-rappurtar u l-evalwazzjoni. Minn żmien għal żmien, il-Kummissjoni se tiġbor informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni tar-Regolament, ibbażata fuq għadd ta' indikaturi. Stħarriġ xieraq se jkun indirizzat lill-Istati Membri sabiex tinġabar l-istess tip ta' informazzjoni, li fuqha l-Kummissjoni se tistabbilixxi rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport se jiġi ppreżentat tliet snin wara d-data inizjali ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 15 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu<sup>24</sup> u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu<sup>25</sup>, jenħtieġ li regoli komuni dwar il-kummerċ mal-pajjiżi terzi jiġu promulgati sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva kontra t-telf tal-beni kulturali, il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali tal-umanità u l-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu permezz tal-bejgħ ta' patrimonju kulturali sakkegġat lix-xerrejja fl-Unjoni.
- (2) Il-patrimonju kulturali huwa wieħed mill-elementi bażiċi ta' ċivilizzazzjoni, jarrikkixxi l-ħajja kulturali tal-popli kollha u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi protett minn approprjazzjoni illegali u sakkeġġ. Jenħtieġ li skont dan l-Unjoni tipprojbixxi d-dħul ta' beni kulturali esportati illegalment minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali tal-Unjoni.
- (3) Fid-dawl tar-regoli differenti li japplikaw fl-Istati Membri fir-rigward tad-dħul ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li jiddaħħlu miżuri biex b'mod partikolari jiżguraw li l-importazzjonijiet ta' beni kulturali jkunu soġġetti għal kontrolli uniformi hekk kif jidħlu.
- (4) Jenħtieġ li r-regoli komuni jkopru t-trattament doganali ta' beni kulturali li ma jorjginawx mill-Unjoni li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, jiġifieri kemm ir-

<sup>24</sup> COM(2016) 50 final.

<sup>25</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI; ĠU L 88, 31.3.2017, p.6-21.

rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, kif ukoll it-tqegħid tagħhom skont proċeduri doganali speċjali għajr it-tranżitu.

- (5) Minħabba l-potenzjal magħruf ta' żoni ħielsa (u 'l hekk imsejħa "portijiet ħielsa") għal finijiet ta' ħżin tal-beni kulturali, jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu stabbiliti jkollhom kamp ta' applikazzjoni kemm jista' jkun wiesa' fir-rigward tal-proċeduri doganali kkonċernati. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn il-kontrolli ta' miżuri ma jikkonċernawx biss il-beni rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni iżda wkoll il-beni mqiegħda skont il-proċeduri doganali speċjali. Madankollu, jenħtieġ li dan il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ma jmurx kontra l-prinċipju tal-libertà ta' tranżitu tal-beni, u lanqas ma jmur lil hinn mill-objettiv tal-prevenzjoni tal-beni kulturali esportati illeċitament milli jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni. Minħabba f'dan, filwaqt li jiġu inklużi proċeduri speċjali tad-dwana li skonthom il-beni li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu, jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll jeskludu t-tranżitu.
- (6) Id-definizzjonijiet bbażati fuq dawk tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, Esportazzjoni u Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprietà Kulturali ffirmata f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970 u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT dwar is-Serq jew l-Esportazzjoni Illegali ta' Beni Kulturali ffirmata f'Ruma fl-24 ta' Ġunju 1995, li għadd sinifikanti ta' Stati Membri huma parti minnhom, jenħtieġ li jintużaw fir-Regolament meta titqies il-familjarità mad-dispożizzjonijiet tagħhom ta' ħafna pajjiżi terzi u ħafna Stati Membri.
- (7) Jenħtieġ li l-legalità tal-esportazzjoni tiġi eżaminata skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż fejn ikunu nstabu jew inħolqu l-beni kulturali ("pajjiż ta' orġini"). Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkonvenzjoni, meta beni kulturali jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz differenti, jenħtieġ li l-persuna li qed tfitx li ddaħħalhom fit-territorju doganali tal-Unjoni turi li ġew esportati minn hemm legalment, meta l-pajjiż terz inkwistjoni huwa Stat Firmatarju tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u għalhekk pajjiż impenjat fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-beni kulturali. F'każijiet oħra, jenħtieġ li l-persuna tipprova li l-esportazzjoni mill-pajjiż ta' orġini kienet skont il-liġi.
- (8) Sabiex ma jiġix imfixkel ħafna l-kummerċ ta' beni minn naħa għal oħra tal-fruntiera esterna, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal beni li jiksbu ċertu limitu ta' żmien. Għal dak l-għan, jidher xieraq li jiġi stabbilit limitu ta' żmien minimu ta' 250 sena għall-kategoriji kollha tal-beni kulturali. Dak il-limitu ta' żmien minimu se jiżgura li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jiffokaw fuq il-beni kulturali l-aktar suxxettibli li jkunu fil-mira ta' ħallelin fiż-żoni ta' kunflitt, mingħajr ma jiġu esklużi beni oħra li hu meħtieġ li jsirilhom kontroll sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali.
- (9) It-traffikar ta' artefatti u oġġetti antiki sakkeggati ġie identifikat bħala sors possibbili għal attivitajiet ta' finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus fil-kuntest tal-valutazzjoni tar-riskju sovranazzjonali dwar ir-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jolqtu s-suq intern<sup>26</sup>.
- (10) Peress li uħud mill-kategoriji tal-beni kulturali, prinċipalment oġġetti arkeoloġiċi, elementi minn monumenti, manuskritti rari u inkunabula huma partikolarment

<sup>26</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2017) 340

vulnerabbli għas-sakkeġġ u l-qerda, jidher li huwa neċessarju li tiġi prevista sistema għal żieda fl-iskrutinju qabel ma jkunu jistgħu jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali sistema tirrikjedi l-preżentazzjoni ta' liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dħul qabel ma jingħata r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawk il-beni jew it-tqegħid tagħhom skont il-proċedura doganali speċjali għajr it-tranżitu. Persuni li jfittxu li jiksbu tali liċenzja, jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovaw l-esportazzjoni legali minn pajjiż ta' oriġini permezz ta' dokumenti ta' prova u evidenza xierqa, b'mod partikolari, ċertifikati jew liċenzji ta' esportazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz tal-esportazzjoni, jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, dokumenti ta' assigurazzjoni, dokumenti ta' trasport u valutazzjonijiet ta' esperti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu jekk għandhiex tinħareġ liċenzja bla dewmien żejjed, abbażi tal-applikazzjonijiet kompluti u preċiżi.

- (11) Għal kategoriji oħra ta' beni kulturali, jenħtieġ li permezz ta' dikjarazzjoni, il-persuni li jfittxu li jdaħħluhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jiċċertifikaw u jieħdu r-responsabbiltà għall-esportazzjoni tagħhom skont il-liġi minn pajjiż terz, u jenħtieġ li jipprovdu biżżejjed informazzjoni sabiex dawk il-beni jiġu identifikati mid-dwana. L-informazzjoni dwar il-beni kulturali jenħtieġ li tingħata permezz ta' dokument standardizzat sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura, kif ukoll għal raġunijiet ta' ċertezza legali. Id-dokument standard ta' identifikazzjoni tal-oġġett rakkomandat mill-UNESCO, jenħtieġ li jintuża biex jiddeskrivi l-beni kulturali. Jenħtieġ li d-dwana tirreġistra d-dħul ta' dawk il-beni kulturali, iżomm l-oriġinali u tagħti kopja tad-dokumenti rilevanti lid-dikjarant, sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà wara li l-beni jidħlu fis-suq intern.
- (12) Id-dħul temporanju ta' beni kulturali għal finijiet ta' riċerka edukattiva, xjentifika jew akkademika, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja jew dikjarazzjoni.
- (13) Il-ħżin ta' beni kulturali minn pajjiżi milquta minn kunflitt armat jew li għaddejjin minn diżastru naturali, jenħtieġ li jiġu wkoll permessi mingħajr il-preżentazzjoni ta' liċenzja jew ta' dikjarazzjoni sabiex tiġi żgurata s-sikurezza u l-preservazzjoni tagħhom.
- (14) Jenħtieġ li s-setgħa biex jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-modifiki tal-kriterju tal-limitu ta' żmien minimu għal kategoriji differenti ta' beni kulturali, sabiex titqies l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-ġeopolitika li qed tinbidel u ta' ċirkustanzi oħra li jqiegħdu f'riskju lill-beni kulturali. Jenħtieġ li dik id-delegazzjoni tippermetti wkoll lill-Kummissjoni biex taġġorna l-Anness wara l-emendi tan-Nomenklatura Magħquda. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>27</sup>. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-

<sup>27</sup>

ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati.

- (15) Jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul u l-ħżin temporanju tal-beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, il-mudelli għall-applikazzjonijiet u l-formoli għal-liċenzja tal-importazzjoni, għad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u d-dokumenti meħmuża magħhom, kif ukoll għar-regoli proċedurali ulterjuri dwar il-preżentazzjoni u l-iproċessar tagħhom, sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Is-setgħat ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex tagħmel l-arranġamenti għall-istabbiliment ta' bażi tad-dejta elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>28</sup>.
- (16) Jenħtieġ li tinġabar l-informazzjoni rilevanti dwar il-flussi kummerċjali tal-beni kulturali sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-Regolament u biex tiġi pprovduta l-bażi għall-valutazzjoni futura tagħha. Ma jistax isir monitoraġġ tal-flussi kummerċjali tal-beni kulturali bil-valur jew il-piż tagħhom biss minħabba li dawn iż-żewġ kejljet jistgħu jitilgħu u jinżlu. Huwa essenzjali li tinġabar l-informazzjoni dwar in-numru ta' oġġetti ddikjarati. Minħabba li fin-Nomenklatura Magħquda ma hemm speċifikata l-ebda unità ta' kejl supplimentari għall-beni kulturali, huwa neċessarju li jintalab li jiġi ddikjarat in-numru ta' oġġetti.
- (17) L-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali<sup>29</sup> għandha l-għan li *-inter alia-* ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet doganali sabiex jiżied ir-rispons għal riskji fiż-żona tal-beni kulturali. Il-qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju stipulat fir-Regolament (UE) Nru 952/2013, jenħtieġ li jintuża u l-informazzjoni tar-riskju rilevanti tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali.
- (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għannuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jikkomunikaw dawk il-penali lill-Kummissjoni.
- (19) Jenħtieġ li jingħata biżżejjed żmien lill-Kummissjoni biex tadotta r-regoli li jimplementaw dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar il-formoli xierqa li jintużaw għall-applikazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni jew biex tiġi ppreparata dikjarazzjoni tal-importatur. Minħabba f'dan, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita.
- (20) Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

<sup>28</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

<sup>29</sup> COM/2014/0527 final: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali.

- (21) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u jikkonforma mal-prinċipji mħaddna fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari it-Titolu II tagħha,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għad-dħul ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni.

Dan ir-Regolament ma japplikax għal beni kulturali li jkunu fi tranżitu fit-territorju doganali tal-Unjoni.

### *Artikolu 2*

#### **Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "beni kulturali" tfisser kwalunkwe oġġett li huwa ta' importanza arkeoloġika, storika, letterarja, artistika jew xjentifika, u li huwa parti mill-kategoriji elenkati fit-tabella fl-Anness, u jaqa' fil-limitu ta' żmien minimu speċifikat fih;

(b) "pajjiż ta' oriġini" tfisser pajjiż fit-territorju attwali fejn il-beni kulturali nħolqu jew instabu;

(c) "pajjiż esportatur" tfisser l-aħħar pajjiż fejn il-beni kulturali inżammu b'mod permanenti skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dak il-pajjiż qabel ma ntbagħtu lejn l-Unjoni;

(d) "b'mod permanenti" tfisser għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas xahar u għal finijiet għajr l-użu temporanju, it-tranżitu, l-esportazzjoni jew id-dispaċċ;

(e) "rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa" tfisser il-proċedura doganali msemmija fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(f) "tqegħid skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu" tfisser it-tqegħid tal-beni skont waħda mill-proċeduri doganali speċjali msemmija fil-punti (b), (c) jew (d) tal-Artikolu 210 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(g) "detentur tal-beni" tfisser il-persuna msemmija fl-Artikolu 5(34) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(h) "dikjarant" tfisser il-persuna msemmija fl-Artikolu 5(15) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 sabiex temenda t-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness wara l-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u biex

temenda l-limitu ta' żmien minimu fit-tielet kolonna tat-tabella fl-Anness wara l-esperjenza miksuba waqt l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

#### **Id-dħul ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni**

1. Ir-rilaxx tal-beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid ta' beni kulturali skont il-proċedura speċjali għajr it-tranżitu għandhom ikunu permessi biss wara l-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 4 jew ta' dikjarazzjoni tal-importatur magħmula skont l-Artikolu 5.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) dħul temporanju ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni għal finijiet ta' riċerka edukattivi, xjentifiċi u akkademiċi, skont it-tifsira fi ħdan l-Artikolu 250 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

(b) il-ħżin ta' beni kulturali għall-iskop preċiż li tiġi żgurata l-preservazzjoni tagħhom minn awtorità pubblika jew taħt is-superviżjoni tagħha, skont it-tifsira fi ħdan l-Artikolu 237 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul temporanju jew il-ħżin ta' beni kulturali msemmija fl-Artikolu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13.

4. Il-Paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-miżuri l-oħra adottati mill-Unjoni skont l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 4*

#### **Liċenzja tal-importazzjoni**

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu ta' beni kulturali fl-Unjoni, msemmija fil-punti (c), (d) u (h) tal-Anness, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni lill-awtoritajiet doganali.

2. Id-detentur tal-beni għandu japplika għal liċenzja tal-importazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dħul. Ma' din l-applikazzjoni għandhom jinhemżu d-dokumenti ta' prova u l-informazzjoni li jiġġustifikaw li l-beni kulturali inkwistjoni ġew esportati minn pajjiż ta' orijini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu. Madankollu, meta pajjiż esportatur huwa Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, Esportazzjoni u Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali ffirmata f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970 ("il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970"), l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata bi kwalunkwe dokumenti ta' prova u informazzjoni li jiġġustifikaw li l-beni kulturali ġew esportati minn dak il-pajjiż skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-dħul għandha tivverifika jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta. Għandha titlob lill-applikant kwalunkwe informazzjoni jew dokument nieqsa fi żmien 30 jum minn meta tasal l-applikazzjoni.

4. Fi żmien 90 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha teżamina l-applikazzjoni u tiddeċiedi li tohrōg il-liċenzja tal-importazzjoni jew li tirrifjuta l-applikazzjoni. Tista' tirrifjuta l-applikazzjoni abbażi tar-raġunijiet li ġejjin:

(a) meta l-pajjiż esportatur mhuwiex Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970, ma jintweriex li l-beni kulturali ġew esportati mill-pajjiż ta' orġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu;

(b) meta l-pajjiż esportatur mhuwiex Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970, ma jintweriex li l-beni kulturali ġew esportati mill-pajjiż esportatur skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu;

(c) l-awtorità kompetenti għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li d-detentur tal-beni ma gābhomx skont il-liġi.

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni skont dan l-Artikolu. Għandhom jikkomunikaw id-dettalji lil dawk l-awtoritajiet, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-dettalji ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti u kwalunkwe tibdil dwarhom fis-serje "C" ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-mudell għall-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' tali applikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13.

#### *Artikolu 5*

### **Dikjarazzjoni tal-importatur**

1. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu ta' beni kulturali fl-Unjoni, msemmija fil-punti (a), (b), (e), (f), (g), (i), (j), (k) u (l) tal-Anness, għandhom ikunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-importatur lill-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru tad-dħul.

2. Id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li l-beni ġew esportati mill-pajjiż ta' orġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu. Madankollu, meta pajjiż esportatur ikun Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Proprjetà Kulturali, id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li l-beni ġew esportati minn dak il-pajjiż skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

Id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi dokument standardizzat li jiddeskrivi l-beni kulturali inkwistjoni b'biżżejjed dettall biex jiġu identifikati mill-awtoritajiet doganali.

3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-mudell għad-dikjarazzjoni tal-importatur, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar tad-dikjarazzjoni tal-importatur. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13.

## Artikolu 6

### Kontroll u verifika doganali

1. Il-liċenzja tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 jew id-dikjarazzjoni tal-importatur imsemmija fl-Artikolu 5, skont xi jkun il-każ, għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali kompetenti biex tirrilaxxa l-beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew għat-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu.
2. Fir-rigward tal-beni kulturali li jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni biex jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk il-liċenzja tal-importazzjoni tikkorrispondix mal-beni ppreżentati. Għal dak l-għan, jistgħu jeżaminaw fiżikament il-beni kulturali, fosthom permezz ta' twettieq ta' għarfien espert.
3. Fir-rigward tal-beni kulturali li jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-importatur biex jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk id-dikjarazzjoni tal-importatur hijiex konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5 jew abbażi tiegħu, u jekk tikkorrispondix mal-beni ppreżentati. Għal dak l-għan, jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri mingħand id-dikjarant u jeżaminaw fiżikament il-beni kulturali, fosthom permezz tal-esperti. Għandhom jirreġistraw id-dikjarazzjoni tal-importatur billi jagħtuha numru serjali u data ta' reġistrazzjoni, u fil-waqt tar-rilaxx tal-beni, lid-dikjarant jagħtuh kopja tad-dikjarazzjoni tal-importatur irreġistrata.
4. Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx ta' beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew it-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu, il-kwantità tal-prodotti għandha tiġi indikata permezz ta' unità supplimentari stabbilita fl-Anness.

## Artikolu 7

### Uffiċċji doganali kompetenti

Meta l-Istati Membri jillimitaw l-għadd ta' uffiċċji doganali kompetenti għar-rilaxx ta' beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew it-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu, għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' dawk l-uffiċċji doganali, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-dettalji tal-uffiċċji doganali kompetenti u kwalunkwe tibdil dwarhom fis-serje "C" ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Artikolu 8

### Iż-żamma temporanja mill-awtoritajiet doganali

1. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkonfiskaw u temporanjament iżommu beni kulturali mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni meta l-beni kulturali inkwistjoni jkunu daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3.
2. Id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta' raġunijiet, li trid tiġi kkomunikata lid-dikjarant, u għandha tkun soġġetta għal rimedju effettiv skont il-proċeduri previsti fil-liġi nazzjonali.

3. Il-perjodu ta' żamma temporanja għandu jkun limitat strettament għaż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet l-oħrajn tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġi ddeterminat jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ jiġġustifikawx iż-żamma skont dispożizzjonijiet oħra ta' liġi tal-Unjoni jew nazzjonali. Il-perjodu massimu taż-żamma temporanja skont dan l-Artikolu għandu jkun ta' sitt xhur. Jekk ma ssirx determinazzjoni dwar żamma itwal tal-beni kulturali f'dak il-perjodu, jew jekk issir determinazzjoni li iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jiġġustifikawx żamma itwal, il-beni kulturali għandhom jingħataw lid-dikjarant.

### *Artikolu 9*

#### **Kooperazzjoni amministrattiva**

1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom imsemmija fl-Artikolu 3(4).

2. Tista' tiġi żviluppata sistema elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u l-liċenzji tal-importazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,

a) l-arranġamenti għat-tnedija, l-operazzjoni u l-manutenzjoni tas-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 2;

b) ir-regoli dettaljati dwar il-ħżin u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri permezz tas-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 2.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13.

### *Artikolu 10*

#### **Penali**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Artikoli 3, 4 u 5, u b'mod partikolari, għad-dikjarazzjonijiet foloz u l-preżentazzjoni ta' informazzjoni falza sabiex jinkiseb id-dħul tal-beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli sa 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.

### *Artikolu 11*

#### **Taħriġ, bini ta' kapaċità u ħolqien ta' sensibilizzazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jorganizzaw it-taħriġ u l-attivitajiet ta' bini ta' kapaċità sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament mill-awtoritajiet ikkonċernati. Jistgħu wkoll jużaw kampanji ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni immirati għal xerrejja partikolari tal-beni kulturali.

## *Artikolu 12*

### **Eżerċitar tad-delega**

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati tingħata lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 2(2) għandha tiġi konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [Publications Office is to fill in the date of entry into force of this Act].
3. Id-delega tas-setgħa msemija fl-Artikolu 2(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa il-validità ta' xi atti delegati li huma diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf b'dan lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu infurmaw it-tnejn lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

## *Artikolu 13*

### **Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-kumitat stabbilit mill-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 116/2009<sup>30</sup>.
2. Meta ssir referenza għal dan l-artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## *Artikolu 14*

### **Rappurtar u Evalwazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dik l-informazzjoni għandha tinkludi:

---

<sup>30</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 116/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-esportazzjoni ta' oġġetti kulturali (ĠU L 39, 10.2.2009, p. 1).

- (a) l-informazzjoni statistika dwar id-dikjarazzjonijiet tal-importatur irreġistrati;
- (b) l-informazzjoni dwar il-ksur ta' dan ir-Regolament;
- (c) in-numru ta' applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni ppreżentati u n-numru ta' applikazzjonijiet għal-liċenzja tal-importazzjoni li ġew irrifjutati;
- (d) l-informazzjoni statistika rilevanti dwar il-kummerċ tal-beni kulturali;
- (e) in-numru ta' każi meta nżammu l-beni kulturali, u
- (f) in-numru ta' każi meta l-beni kulturali ġew abbandunati fl-Istati skont l-Artikolu 199 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-istħarriġ lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom sitt xhur biex jikkomunikaw l-informazzjoni mitluba lill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tliet snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u kull ħames snin wara dan.

#### *Artikolu 15*

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*